# Beijing+20: Il-Pjattaforma ta' Azzjoni (BPfA) u l-Unjoni Ewropea
# Qasam H: Mekkaniżmi Istituzzjonali għall-Avvanz tan-Nisa

## Il-Kuntest tal-Politika

Il-BPfA tiddefinixxi l-mekkaniżmi istituzzjonali għall-ugwaljanza bejn is-sessi bħala l-infrastruttura nazzjonali għall-avvanz tan-nisa u tarahom bħala l-unità ta' koordinazzjoni tal-politika ċentrali fil-gvern. Fil-qafas tal-UE, il-mekkaniżmi istituzzjonali għall-ugwaljanza bejn is-sessi jirreferu għall-korpi governattivi eżistenti fil-preżent b'mandati li jmorru lil hinn mill-progress tan-nisa u jestendi għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni ta' din id-dimensjoni fl-oqsma ta' politika kollha.

### Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropa (2006 u 2013)

- Għandhom l-għan li joħolqu u jsaħħu l-istrutturi nazzjonali u korpi governattivi oħra, biex jintegraw perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-leġiżlazzjoni/politiki pubbliċi u biex jiksbu dejta diżaggregata skont is-sess (2006).
- Jaffermaw mill-ġdid il-ħtieġa li jingħata appoġġ lill-mekkaniżmi istituzzjonali għall-ugwaljanza bejn is-sessi, filwaqt li jappellaw għal approċċ doppju li jgħaqqad l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u azzjoni pożittiva (2013).
- Jappellaw għal strateġiji nazzjonali, pjanijiet ta' azzjoni, għodda u metodi ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, u l-użu sħiħ ta' statistika relatata mas-sessi komparabbli (2013).

### Id-Direttiva 2002/73/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' aċċess għall-impjieg

- Teħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa għall-korp(i) responsabbli għall-promozzjoni, l-analiżi, il-monitoraġġ u l-appoġġ tat-trattament ugwali tal-persuni kollha mingħajr diskriminazzjoni fuq raġunijiet ta' sess.

### Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-Integrazzjoni (1996)

- Tiddefinixxi l-prinċipju tal-'integrazzjoni tal-perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi' bħala deskrizzjoni sistematika tad-differenzi bejn il-kundizzjonijiet, is-sitwazzjonijiet u l-ħtiġijiet tan-nisa u l-irġiel fil-politiki u l-azzjonijiet kollha tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999

Jgħid li l-integrazzjoni tal-perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi u azzjoni speċifika dwar in-nisa fis-suq tax-xogħol huma waħda mill-prijoritajiet għall-finanzjament u li l-Istati Membri jridu jinkludu deskrizzjoni ta' kif sejrin jintegraw l-ugwaljanza bejn is-sessi fiċ-ċiklu ta' programmazzjoni.

### Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006

- Jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999.
- Jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u jsostni li l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi jkunu promossi matul l-istadji differenti tal-implimentazzjoni tal-fondi.

## L-objettivi strateġiċi tal-BPfA u l-indikaturi tal-UE

**H.1.** Joħolqu jew isaħħu l-makkinarji nazzjonali u korpi governattivi oħra.

**H.2.** Jintegraw il-perspettivi ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-leġiżlazzjoni, il-politiki, il-programmi u l-proġetti pubbliċi.

**H.3.** Jiġġeneraw u jxerrdu dejta diżaggregata skont is-sessi u informazzjoni għall-ippjanar u l-evalwazzjoni.

Fl-2006, il-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill tal-UE rrevediet l-istatus tal-mekkaniżmi istituzzjonali għall-ugwaljanza bejn is-sessi u żviluppat tliet indikaturi, li jissorveljaw il-livell ta' responsabbiltà governattiva fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, ir-riżorsi umani tal-korpi għall-ugwaljanza bejn is-sessi governattivi u oħrajn u jkejlu l-livell sa fejn l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri hija applikata fl-Istati Membri. Fl-2013, matul il-Presidenza Litwana, il-qasam kien rivedut u ġie żviluppat indikatur

dwar l-użu ta' statistika diżaggregata skont is-sessi bħala għodda għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri.

Il-bażi tad-dejta "Women and men in the EU — facts and figures" ("In-nisa u l-irġiel fl-UE — fatti u figuri") żviluppata mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tagħti l-aktar dejta u informazzjoni reċenti dwar dawn l-indikaturi, disponibbli fuq: http://eige.europa.eu/content / women-and-men-in-the-eu-facts-and-figures

## Is-sejbiet mid-dejta minn madwar l-UE

### L-impenn legali u istituzzjonali għall-integrazzjoni tal-perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi żdied

Kważi nofs (47 %) l-Istati Membri kollha għandhom qafas legali eżistenti dwar l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi (meta mqabbla ma' 36 % fl-2006). Fil-preżent, il-maġġoranza tal-Istati Membri għandhom strutturi governattivi għall-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi. L-ibbaġitjar għal kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi huwa obbligu legali fi tmien Stati Membri. Madankollu, l-ibbaġitjar għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi mhumiex obbligatorji fil-maġġoranza tal-Istati Membri u għalhekk dawn rarament jintużaw.

L-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi teħtieġ: impenn politiku; struttura ta' korpi u uffiċjali governattivi responsabbli għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi; konsultazzjoni mal-esperti dwar il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi kemm fi ħdan il-gvern kif ukoll mas-soċjetà ċivili; għarfien (taħriġ u sensibilizzazzjoni) dwar kif għandha tiġi implimentata l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi; u l-użu ta' metodi u għodda. Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni, skont il-mudell propost mill-Presidenza Litwana, l-Istati Membri tal-UE bl-ogħla punteġġi kienu l-Finlandja u Franza (14-il punt), Spanja u l-Iżvezja (13.5 punti) u l-Awstrija (13-il punt). L-Istati Membri bil-klassifikazzjoni l-aktar baxxa kienu l-Irlanda (2 punti), is-Slovakkja (3.5 punti), il-Latvja (4 punt) u l-Greċja (4.5 punti). L-Istati Membri l-oħra kollha kellhom punteġġi fil-medda tan-nofs (5-10 punti).

### Iżjed Stati Membri tal-UE qegħdin juru livelli għoljin ta' prestazzjoni fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi

Skont il-kriterji stabbiliti għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni, Stat Membru jirċievi 10 punti jekk l-ogħla responsabbiltà għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi tingħata lil ministru fil-kabinett; hemm korp governattiv permanenti għall-ugwaljanza bejn is-sessi fl-ogħla livell f'ministeru; għandu l-funzjonijiet ewlenin li 1) jifforma politika tal-gvern, 2) jirrevedi l-leġiżlazzjoni u jabbozza liġijiet, 3) jippromwovi l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-gvern u 4) jikkoordina u/jew jiżviluppa l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi; u l-Istat Membru għandu kemm pjan ta' azzjoni għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll sistema għar-rapportar regolari lil korpi leġiżlattivi. B'mod ġenerali, il-prestazzjoni ta' ċerti Stati Membri tjiebet mill-2006. Fl-2013, tmien Stati Membri tal-UE laħqu l-ogħla punteġġ, b'kuntrast ma' tliet Stati Membri fl-2006. Fost l-Istati Membri l-oħra, għaxra tjiebu, ħamsa baqgħu l-istess

**OBBLIGI LEGALI LI JINTUŻAW METODI GĦALL-INTEGRAZZJONI TAL-PERSPETTIVA TAL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI MILL-ISTATI MEMBRI, 2013**




*Sors:* EIGE, Effectiveness of Institutional Mechanisms for the Advancement of Gender Equality (l-Effettività tal-mekkaniżmi istituzzjonali għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn is-sessi), 2014.

**ŻVILUPPI FIR-RESPONSABBILTÀ GOVERNATTIVA GĦALL-PROMOZZJONI TAL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI MILL-ISTATI MEMBRI, 2006 U 2013**




*Sors:* EIGE, Effectiveness of Institutional Mechanisms for the Advancement of Gender Equality (L-Effettività tal-mekkaniżmi istituzzjonali għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn is-sessi), 2014.

u tnejn ingħataw punteġġi aktar baxxi mill-2006.

### Rekwiżit legali għall-produzzjoni ta' statistika diżaggregata skont is-sess jeżisti kważi fl-Istati Membri kollha tal-UE

Il-punteġġ għall-kejl kwantitattiv tal-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika diżaggregata skont is-sess jingħata fi skala minn wieħed sa sitt punti, li jkejjel il-prestazzjoni skont tliet kriterji: l-impenn tal-gvern fil-produzzjoni ta' statistika diżaggregata skont is-sess, l-impenn tal-gvern lejn it-tixrid ta' din l-istatistika, u l-metodi użati għat-tixrid tal-istatistika diżaggregata skont is-sessi. Erba' Stati Membri tal-UE kisbu l-ogħla numru ta' punti (6). Huma biss tliet Stati Membri tal-UE li ma għandhom l-ebda obbligu legali nazzjonali li jipproduċu statistika diżaggregata skont is-sess, u sebgħa ma għandhom l-ebda obbligu li jagħmlu din l-istatistika aċċessibbli għall-pubbliku.

### Korp indipendenti għall-promozzjoni tat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel jeżisti f'ħames Stati Membri tal-UE

Il-maġġoranza tal-Istati Membri indirizzaw id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel flimkien ma' diversi raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni, u poġġewha taħt korp indipendenti maħtur biex jindirizza u jiġġieled id-diskriminazzjoni. Fl-2013, kien hemm inqas Stati Membri li kellhom korp speċjalizzat kontra d-diskriminazzjoni li jaħdem biss biex jippromwovi t-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel milli kien hemm fl-2006.

Kważi fl-Istati Membri kollha tal-UE, il-kriżi ekonomika laqtet is-settur pubbliku, li ra tnaqqis sinifikanti fil-persunal. Madankollu, kien hemm impatt differenti fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi fost l-Istati Membri, u mhux l-Istati Membri kollha wrew pożizzjoni agħar fil-klassifikazzjoni tal-UE-28.

## Inizjattivi utli:

**Ibbaġitjar għal kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi:** Sa mill-2013, l-Istat Federali, il-Provinċji Federali u l-Muniċipalitajiet fl-Awstrija ntalbu japplikaw ibbaġitjar għal kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-immaniġġar tal-baġit. Fil-Belġju, fl-2010 l-Kunsill tal-Ministri adotta ċirkolari dwar l-ibbaġitjar għal kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u ġie ppubblikat manwal dwar il-kuntest leġiżlattiv u prattiku. Sa mill-2010, il-Ministri Franċiżi kollha adottaw politiki trasversali biex jenfasizzaw l-isforzi baġitarji li saru għall-ugwaljanza bejn is-sessi.

**Valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tas-sessi:** Fi Franza, fl-2012, l-aspetti tal-ugwaljanza bejn is-sessi kienu inklużi fil-valutazzjoni tal-impatt ex-ante tad-dokumenti leġiżlattivi. L-objettiv huwa li jiġi evalwat jekk ir-regolamenti jistgħux ikunu ta' benefiċċju sproporzjonat għal sess wieħed b'mod dirett jew indirett, jew jaggravaw is-sitwazzjoni eżistenti. Sa mill-2013, l-għodda tat-'test tal-ġeneru' ġiet stabbilita bħala għodda speċifika għall-ugwaljanza bejn is-sessi fl-analiżi tal-impatt ex-ante tal-leġiżlazzjoni u r-regoli amministrattivi li jridu jiġu sottomessi lill-Kunsill tal-Ministri. Fl-Awstrija, il-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiffoka fuq l-effetti li l-proġetti tal-ministeri jista' jkollhom fuq l-ugwaljanza tan-nisa u tal-irġiel billi tanalizza l-impatt f'sitt oqsma: il-pagamenti lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi; l-impjieg, id-dħul, u l-edukazzjoni; ix-xogħol mhux imħallas; l-introjtu pubbliku; u l-proċessi u l-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet; din tintuża wkoll fl-analiżi tal-liġijiet u tinkludi: analiżi tal-problemi, objettivi u miżuri, indikaturi u valutazzjoni tal-firxa ta' impatti.

## AVVANZI U OSTAKLI FIL-QASAM H: MEKKANIŻMI ISTITUZZJONALI GĦALL-AVVANZ TAN-NISA

| AVVANZI | OSTAKLI |
|---|---|
| • L-istatus tar-responsabbiltà tal-gvern fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi żdied.<br>• Kien hemm ċertu tkabbir fil-korpi indipendenti li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi.<br>• L-EIGE ġie maħluq bħala mekkaniżmu istituzzjonali fil-livell tal-UE għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn is-sessi.<br>• L-użu ta' statistika diżaggregata skont is-sessi kiber. | • Ir-riżorsi allokati għall-mekkaniżmi tal-ugwaljanza bejn is-sessi kienu affettwati mill-kriżi finanzjarja.<br>• L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi mhijiex applikata għall-oqsma ta' politika kollha u l-ibbaġitjar għal kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi rarament jintuża madwar l-Istati Membri.<br>• In-numru ta' gvernijiet b'ministri tal-kabinett responsabbli għall-ugwaljanza bejn is-sessi naqas.<br>• Ix-xejriet reċenti fil-fużjoni tal-korpi għall-ugwaljanza li jittrattaw l-ugwaljanza bejn is-sessi biss mal-korpi li jittrattaw raġunijiet multipli ta' diskriminazzjoni, jistgħu jirrappreżentaw theddida għall-viżibilità u l-effettività tal-ugwaljanza bejn is-sessi bħala qasam ta' politika. |

## It-triq 'il quddiem għall-UE

- Li tappoġġa l-effiċjenza tal-mekkaniżmi istituzzjonali billi talloka r-riżorsi umani u finanzjarji xierqa biex jintlaħqu d-domandi li żdiedu u l-kompiti multipli.
- Li żżid il-kapaċità għall-applikazzjoni tal-għodda ewlenija għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri għat-tfassil tal-politika (eż. l-ibbaġitjar għal kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi, il-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi).
- Li żżomm l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala prijorità politika, tiżgura li l-mekkaniżmi istituzzjonali jappoġġaw oqsma oħra ta' politika permezz tal-integrazzjoni xierqa tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u jikkumplementaw il-ħidma tal-indirizzar tal-każijiet ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.
- Li ssaħħaħ l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-acquis Ewropew biex tippermetti ċ-ċaqliq mill-ugwaljanza 'de jure' għal dik 'de facto', filwaqt li tiżgura li l-ugwaljanza bejn is-sessi ma tiġix ittrattata biss minn perspettiva legali.

### L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-Ċentru tal-UE ta' għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. EIGE jappoġġa lil kull min ifassal il-politika u lill-istituzzjonijiet rilevant kollha fl-isforzi tagħhom biex l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel issir realtà għall-Ewropej kollha u lil hinn, billi tipprovdilhom ħila speċifika u dejta kumparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

Aktar informazzjoni fuq http://eige.europa.eu

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi u Dokumentazzjoni (RDC) tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi huwa għodda innovattiva u prattika li tgħin biex jinstabu r-riżorsi ewlenin dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, tiffaċilita l-iskambju tal-għarfien fost dawk b'interess fil-politika u l-prattiċi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u toffri spazju onlajn għal diskussjoni u dibattitu.

Aktar informazzjoni fuq http://eige.europa.eu/content/rdc

**Informazzjoni biex tagħmel kuntatt:**
L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Gedimino pr. 16, LT-01103 Vilnius, LITHUANIA
Tel. +370 52157444, Tel. +370 52157400

facebook.com/eige.europa.eu
twitter.com/eurogender
youtube.com/eurogender
https://eurogender.eige.europa.eu

ISBN 978-92-9493-276-1
doi:10.2839/558979
MH-04-15-022-MT-N